

**Brussell, 5 ta' Novembru 2020
(OR. en)**

12608/20

**EF 273
ECOFIN 993
DROIPEN 91
CRIMORG 85
CT 92
FISC 206
COTER 98
FSC 29**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12249/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub li ntemmet fil-5 ta' Novembru 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. FILWAQT LI JFAKKAR fl-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024¹ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2016², u b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2016³, Ottubru 2016⁴ u Ġunju 2020⁵, u b'mod partikolari l-konklużjonijiet iddedikati b'mod esklużiv għall-AML/CFT adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2018⁶ u f'Diċembru 2019⁷ wara l-emenda l-aktar reċenti għad-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLD), id-Direttiva (UE) 2018/843,
2. FILWAQT LI JENFASIZZA l-fatt li l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jibqgħu prijorità għolja għall-Unjoni Ewropea,
3. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-progress reċenti li sar f'dan il-qasam, inkluż il-bidliet reċenti fil-qafas legali u l-ħidma li saret fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-2018⁸, u filwaqt li jilqa', b'mod partikolari, ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Lulju 2019⁹ dwar l-evalwazzjoni ta' każijiet reċenti allegati ta' ħasil tal-flus li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE,

¹ Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024 (EUCO 9/19), dwar it-titjib tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera

² Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2016 (ST 26/16)

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu tat-12 ta' Frar 2016 (ST 6068/16)

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri ulterjuri biex jittejjbu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa (ST 13139/16)

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata (ST 8927/20)

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (ST 15164/18)

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet strateġiċi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ST 14823/19)

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (ST 15164/18)

⁹ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' każijiet reċenti allegati ta' ħasil tal-flus li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE (COM (2019) 373 final)

4. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-oqfsa tagħhom għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT),

5. FILWAQT LI JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2020 dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu¹⁰,

l-inklużjoni ta' ġabra unika tar-regoli tal-UE dwar l-AML/CFT u t-twettiq tas-superviżjoni tal-AML/CFT fil-livell tal-UE kif ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u appoġġ għall-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIUs). FILWAQT LI JILQA' wkoll il-metodoloġija, ippubblikata fl-istess jum, biex jiġu identifikati l-pajjiżi terzi b'riskju għoli sabiex jiġu żgurati konsistenza mal-proċess tal-FATF, trasparenza sħiħa mal-Istati Membri, involviment akbar mal-pajjiżi terzi kif ukoll l-implimentazzjoni ta' politika orjentata lejn dawn tal-aħħar,

6. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħidma li għaddejja bħalissa mibdija mill-Kummissjoni fil-qasam tal-migrazzjoni tal-investimenti – b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki nazzjonali dwar l-ġhoti ta' permessi ta' residenza fit-tul u nazzjonalità lil ċittadini mhux tal-UE bi skambju għal investimenti – bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-ħasil tal-flus,

7. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza li tiġi rikonossuta l-ħidma li għaddejja bħalissa fil-korpi intergovernattivi, b'mod partikolari l-ħidma tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), il-korp internazzjonali ta' standardizzazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-proliferazzjoni.

8. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza li jinżamm fehim aġġornat tar-riskji u t-theddid li tkun qed tiffaccà l-Unjoni u r-rwol tal-valutazzjoni tar-riskji supranazzjonali biennali f'dan ir-rigward,

9. FILWAQT LI JFAKKAR fl-impenji li ttieħdu fil-G20, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' livell għoli dwar it-trasparenza u s-sjieda benefiċjarja, li jibqgħu prijorità ewlenija fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu,

¹⁰ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ST 7870/20)

IL-KUNSILL:

10. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri kollha biex ilestu malajr it-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni f'dan il-qasam – speċjalment id-Direttiva (UE) 2018/843 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (ir-Raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus) kif ukoll id-Direttiva (UE) 2019/1153 – u biex isaħħu l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tal-leġislazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun.
11. JILQA' l-impenn mill-Kummissjoni li tissorvelja fuq bażi kontinwa t-traspożizzjoni kif ukoll l-applikazzjoni effettiva tad-Direttivi msemmija hawn fuq u, f'dan ir-rigward, JIEĦU NOTA tal-proċess ta' valutazzjoni li għaddej bħalissa dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus li l-Kunsill tal-Ewropa qiegħed iwettaq attwalment f'isem il-Kummissjoni.
12. JILQA' l-progress li diġà nkiseb fit-tlestija ta' partijiet sinifikanti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-2018 u JAPPELLA lill-partijiet rilevanti kollha biex ilestu malajr kemm jista' jkun l-azzjonijiet pendenti deskritti fih.
13. JILQA' l-għan tal-Kummissjoni li tippreżenta proposti leġislattivi kmieni fl-2021, u JISĦAQ FUQ IL-FATT li jenħtieġ li riformi potenzjali jitfasslu b'mod komprensiv abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, b'kont meħud tal-elementi kollha tal-qafas legali kif ukoll tal-miżuri mhux leġislattivi fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-2018, filwaqt li jiġi żgurat li l-leġislazzjoni tkun konsistenti mas-sistemi kostituzzjonali u legali tal-Istati Membri kollha, inkluż dawk ibbażati fuq it-tradizzjoni tal-liġi komuni.
14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-ħidma fuq il-ġabra unika tar-regoli tal-UE u, abbażi tal-ġabra unika tar-regoli, l-istabbiliment ta' superviżjoni fil-qasam tal-AML/CFT fil-livell tal-UE u l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ għall-UIF, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta, fl-istess ħin, proposta għall-ġabra unika tar-regoli u għall-istruttura u l-kompiti ta' superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT kif ukoll tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ għall-UIF, sabiex ikun jista' jsir abbozzar simultanju fid-dawl tar-rabtiet bejn dawn is-suġġetti.

15. JILQA' l-pjan tal-Kummissjoni li tittrasferixxi partijiet mid-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus għal regolament direttament applikabbli li jippermetti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq komuni u applikazzjoni ugwali tad-dispożizzjonijiet madwar l-Unjoni, kull fejn ikun meħtieġ biex jitnaqqsu d-diverġenzi nazzjonali fit-traspożizzjoni li jdgħajfu implimentazzjoni effettiva tal-qafas tal-AML/CFT, filwaqt li jenħtieġ li jiġi żgurat li l-istandard għoli miksub mill-Istati Membri fit-traspożizzjonijiet nazzjonali tagħhom jinżamm b'mod ġenerali.
16. JINNOTA li l-kjarifika u l-armonizzazzjoni tal-qafas legali tal-AML/CFT mhux bilfors li jridu jirriżultaw fl-impożizzjoni ta' obbligi addizzjonali fuq l-entitajiet marbutin b'obbligu.
17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġiżlattiva għal regolament ibbażat fuq valutazzjoni tar-riskji rilevanti u tal-impatt bil-għan li tiġi armonizzata aktar il-liġi sostantiva, filwaqt li jitqiesu l-oqsma li ġejjin: it-tipi ta' entitajiet marbutin b'obbligu; ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-klijent – inkluż soluzzjonijiet adegwati ta' diliġenza dovuta mill-bogħod kif ukoll identifikazzjoni u verifika elettroniċi –; id-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta għal persuni domestiċi u barranin politikament esposti; iż-żamma ta' rekords; il-kontrolli interni; il-konformità tal-grupp kollu; id-dispożizzjonijiet dwar id-dipendenza fuq partijiet terzi u dwar l-esternalizzazzjoni konsistenti mal-leġiżlazzjoni settorjali; l-obbligi ta' rappurtar, inkluż rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi; id-dispożizzjonijiet dwar id-determinazzjoni tas-sjieda benefiċjarja; id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni; il-miżuri superviżorji u s-sanzjonijiet, filwaqt li jiġu rispettati l-ispeċifitàjiet tas-sistemi u tal-istrutturi tal-infurzar nazzjonali; ir-responsabbiltajiet rispettivi, il-kompiti ġenerali u s-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet superviżorji fil-livell Ewropew u dak nazzjonali. JENFASIZZA li dawn l-oqsma jista' jkollhom bżonn li jiġu adattati jekk il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tidentifika oqsma oħra għall-armonizzazzjoni jew, għall-kuntrarju ta' dan, oqsma li huma inqas adatti għall-armonizzazzjoni.

- a. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tespandi l-lista ta' entitajiet marbutin b'obbligu lil hinn mill-qafas attwali tal-UE fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' assi virtwali f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 15 tal-FATF u JFAKKAR li r-rekwiżiti tal-FATF iridu jiġu indirizzati b'mod sħiħ mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 16 dwar trasferimenti elettroniċi lil fornituri ta' servizzi ta' assi virtwali ("regola tal-ivvjaġġar").
 - b. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tirrieżamina t-tipi ta' entitajiet marbutin b'obbligu filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika lir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF) li jirriżulta minn entitajiet li jipprovdu servizzi finanzjarji de facto jew partijiet minnhom, jew servizzi direttament relatati, integrati jew mibnija fuq servizzi finanzjarji, bħal servizzi u soluzzjonijiet finanzjarji tekniċi iżda li ma jkunux ġew ikklassifikati bħala istituzzjonijiet finanzjarji skont il-leġiżlazzjoni attwali.
 - c. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinkludi r-rekwiżiti sostantivi kollha fil-proposta leġiżlattiva tagħha, filwaqt li tħalli biss id-definizzjoni tal-elementi għall-atti delegati fejn dan ikun ġustifikat min-natura teknika tas-suġġett.
18. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiffoka l-ħidma tagħha b'mod partikolari fuq il-kisba ta' standard uniformi u għoli ta' diliġenza dovuta tal-klijent, speċjalment fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika tal-identità tal-klijent, in-natura u l-għan tar-relazzjoni ta' negozju, il-verifika tas-sid benefiċjarju tal-klijent u s-sorveljanza kontinwa tar-relazzjoni ta' negozju. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kruċjali peress li jipprevjenu l-flus illegali milli jidħlu fis-suq intern permezz tal-aktar ħolqa dgħajfa f'katina ta' salvagwardji favur l-ML/FT, u jipprevjenu kompetizzjoni inġusta.
19. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex, fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-klijent u skont l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, tikkunsidra l-ħtieġa li jiġu definiti settijiet ta' data standardizzati għall-identifikazzjoni tal-klijenti, kemm jekk ikunu persuni fiżiċi kif ukoll jekk ikunu persuni ġuridiċi – biex tal-inqas jiġu ddeterminati l-informazzjoni minima meħtieġa kif ukoll il-proċessi ta' identifikazzjoni (mill-bogħod) – u tiżgura soluzzjoni teknoloġikament newtrali.

20. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twessa' l-ambitu għall-użu tad-data fil-limiti stabbiliti mid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data, anke billi tagħmel użu aħjar mid-diġitalizzazzjoni. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, filwaqt li żżomm il-projbizzjoni tal-iżvelar ta' informazzjoni u ttipprovdi salvagwardji suffiċjenti għall-protezzjoni tal-informazzjoni, tikkunsidra l-espansjoni tal-possibiltajiet ta' kondivżjoni ta' informazzjoni fi ħdan gruppi ta' kumpanniji kif ukoll bejn entitajiet oħrajn marbutin b'obbligu li ma jappartjenux għall-istess grupp jew l-istess settur, sabiex ikun hemm sorveljanza u konformità aħjar.
21. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex jipprovdu kjarifika dwar kif il-qafas tal-AML/CFT jista' jiġi rikonċiljat mal-leġiżlazzjonijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data sabiex ikun aktar ċar liema data tista' tiġi kondiviża bejn l-entitajiet marbutin b'obbligu, kif ukoll bejn l-entitajiet marbutin b'obbligu u l-awtoritajiet kompetenti, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data, u biex jindirizzaw, pereżempju, l-inkonsistenzi bejn id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-projbizzjoni kontra l-iżvelar ta' informazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu s-sinerġiji kollha possibbli ma' atti leġiżlattivi oħra tal-UE.
22. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħtieġa għal emendi għal leġiżlazzjoni rilevanti oħra, b'mod partikolari fis-settur finanzjarju, bil-ħsieb li tiġi żgurata koerenza fil-qafas legali, jissaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u jiġu ppreżentati propositi rilevanti f'dan ir-rigward.

Rigward l-istabbiliment ta' superviżjoni fil-qasam tal-AML/CFT fil-livell tal-UE:

23. JIRRIKONOXXI u JAPPREZZA l-għarfien espert tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti nazzjonali u l-attivitajiet superviżorji tagħhom, li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea.
24. JINDIKA li l-analiżi post mortem tal-Kummissjoni spjegat li l-inċidenti ta' ML/FT fl-UE jistgħu jirriżultaw minn nuqqas organizzattiv u ta' governanza tal-entitajiet marbutin b'obbligu kif ukoll min-nuqqasijiet organizzattivi u superviżorji tal-awtoritajiet nazzjonali, u għalhekk JIRRIKONOXXI l-valur miżjud ta' superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT.

25. JAPPOĠĠA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal superviżur tal-UE b'mandat ċar u delineazzjoni preċiża tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tas-superviżur, filwaqt li jitqies il-prinċipju tas-sussidjarjetà billi jiġi żgurat li l-ambitu ta' kompetenza tas-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT jiġi adattat għall-valur miżjud tiegħu fir-rigward tas-superviżuri nazzjonali fil-qasam tal-AML/CFT. JAFFERMA li dawn tal-aħħar għad għandhom rwol b'saħħtu fis-sistema ta' superviżjoni Ewropea abbażi ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn is-superviżjoni fil-livell nazzjonali u dik fil-livell tal-UE.
26. JITLOB li l-Kummissjoni tgħammar lis-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT b'kompetenzi li jiġu skattati purament abbażi tas-sensittività għar-riskju kif ġej: ir-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' għadd magħżul ta' entitajiet marbutin b'obbligu li għandhom riskju inerenti għoli ta' ML/TF u li jintgħażlu abbażi ta' kriterji tar-riskju xierqa kif speċifikat hawn taħt; kif ukoll l-awtorità li jintervjeni ad hoc u jieħu f'idejh is-superviżjoni minn superviżur nazzjonali f'sitwazzjonijiet definiti b'mod ċar u eċċezzjonali abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, f'każijiet fejn is-superviżur nazzjonali ma jkunx jista' jinforza l-konformità jew ma jkunx jista' jiżgura superviżjoni adegwata. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħteġ li jkunu intitolati li jitolbu l-appoġġ jew l-intervent tas-superviżur tal-UE, għal entitajiet li jaqgħu fil-mandat superviżorju tagħhom.
27. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex, f'dan l-istadju, tiffoka fuq l-ambitu ta' superviżjoni li ġej għas-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT: l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' pagament, il-bureaux de change, l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, il-fornituri ta' servizzi ta' assi virtwali koperti mir-rakkomandazzjonijiet tal-FATF, fost oħrajn, bl-għażla li tivvaluta l-espansjoni tas-superviżjoni għal entitajiet riskjużi oħrajn marbutin b'obbligu fil-futur, iżda filwaqt li tqis ukoll in-natura aktar omoġena tas-settur finanzjarju u l-livell għoli ta' armonizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti prudenzjali meta mqabbla mas-settur mhux finanzjarju. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkunsidra rwol ta' koordinazzjoni, ta' konsulenza jew ta' appoġġ għas-superviżur tal-UE fir-rigward tat-tipi kollha ta' entitajiet marbutin b'obbligu biex jassisti lis-superviżuri nazzjonali u jippromwovi l-konverġenza superviżorja, sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-AML/CFT anki fis-settur mhux finanzjarju.

28. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkunsidra wkoll titjib ulterjuri fil-qafas tas-superviżjoni tal-AML tas-settur mhux finanzjarju, filwaqt li żżomm f'moħħha li s-settur mhux finanzjarju huwa magħmul minn firxa wiesgħa ta' professjonijiet, li l-ambitu ta' attività, ir-rekwiżiti legali professjonali u l-kriterji ta' liċenzjar tagħhom mhumiex armonizzati.
29. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipproponi approċċ fi stadji fi ħdan l-ambitu superviżorju, li jibda bi grupp relattivament żgħir ta' entitajiet marbutin b'obbligu u b'riskju għoli mis-settur finanzjarju, u li gradwalment jespandi l-għadd ta' entitajiet marbutin b'obbligu li jaqgħu fil-mandat tiegħu. L-għan ikun li jiġi żgurat li s-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT ma jkunx mgħobbi żżejjed u li jinżamm l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju tal-qafas tal-AML/CFT.
30. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tgħammar lil superviżur potenzjali tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT bis-setgħat li ġejjin fejn ser ikollu d-dritt li jeżerċita, kif stipulat fil-paragrafu 26, superviżjoni diretta f'timijiet superviżorji konġunti, fejn xieraq. Ir-responsabbiltajiet tas-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT jenħtieġ li jinkludu d-dritt għal spezzjonijiet ġenerali – inkluż it-talba għal informazzjoni, l-eżaminar tar-rekords u t-twettiq ta' superviżjoni fuq il-post u mhux fuq il-post – kif ukoll id-dritt li jimponi miżuri superviżorji u sanzjonijiet amministrattivi, filwaqt li jirrispetta l-ispeċifitàjiet tas-sistemi u tal-istrutturi tal-infurzar nazzjonali, inkluż id-dritt li jagħti mandat lil uffiċjal għall-konformità, li jitlob rapportar regolari, u li jagħti struzzjonijiet diretti fir-rigward ta' diliġenza dovuta msaħħa jew tranżazzjonijiet ta' riskju għoli. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont tas-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT, u jeħtieġ li jiġi pprovdut proċess ta' rieżami ġudizzjarju għall-azzjonijiet tas-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT. JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni biex tgħammar lis-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT bis-setgħat it-tajba biex jidentifika l-każijiet fejn ikun meħtieġ li jsir intervent.

31. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-kriterji (kif indikati hawn taħt) għall-valutazzjoni tar-riskji inerenti li għandha titwettaq meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk superviżjoni bbażata fuq ir-riskju tistax titwettaq b'mod aktar effettiv fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali. Għal dan il-għan jeħtieġ li jitqies il-fatt li r-riskji ta' ML/TF mhumiex proporzjonati għad-daqs tal-entitajiet taħt superviżjoni. Il-kriterji: ir-riskju li jirriżulta min-natura tan-negozju tal-entità marbuta b'obbligu – b'mod partikolari l-klijentela, il-prodotti, il-kanali ta' distribuzzjoni, l-esponent ġeografiku, u b'kont meħud tal-aspetti transfruntiera –; ir-riskji emerġenti assoċjati mal-metodi ta' distribuzzjoni li qed jevolvu, speċjalment l-isfidi għall-AML/CFT ppreżentati mid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi finanzjarji kif ukoll il-konsegwenzi jekk dawn ir-riskji jimmaterjalizzaw. Minħabba n-natura li qed tevolvi tar-riskji, l-entitajiet marbutin b'obbligu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jiġu rieżaminati fuq bażi regolari jew meta jitfaċċaw avvenimenti straordinarji u severi, anki bil-ħsieb li jiġi vvalutat jekk trasferiment tas-superviżjoni lura għal-livell nazzjonali jew għal-livell tal-UE jkunx meħtieġ skont il-livell tar-riskju.
32. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżgura li s-superviżur tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT, bħala awtorità kompetenti ġdida, ikun integrat bis-siġħ fl-istrutturi ta' kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet rilevanti kollha fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, bħall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-UIF u l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ tagħhom, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra madwar l-UE kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-BĊE bħala superviżur prudenzjali f'każijiet rilevanti u awtoritajiet u aġenziji oħra bħall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Europol. B'mod partikolari, fir-rigward tal-fluss ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż ta' oriġini u dawk tal-pajjiż ospitanti, is-superviżur tal-UE għandu jkollu rwol ta' medjatur fil-kunflitti.
33. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura struttura indipendenti tal-korp li ser jiġi fdat bis-superviżjoni tal-UE fil-qasam tal-AML/CFT skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li f'kull każ tiġi stabbilita struttura awtonoma ta' governanza għas-superviżjoni fil-qasam tal-AML/CFT.

34. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżgura, jekk il-kompiti msemmija hawn fuq jiġu trasferiti lil awtorità ġdida, li s-setgħat kollha relatati mas-superviżjoni fil-qasam tal-AML/CFT fil-livell tal-UE jiġu raggruppati fi ħdan din l-awtorità.
35. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta valutazzjoni tal-impatt komprensiva b'enfasi speċjali fuq il-fattibilità, l-effiċjenza, l-effettività, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif ukoll fuq l-implikazzjonijiet tat-trasferiment tal-kompiti superviżorji jew lil awtorità eżistenti jew lil korp superviżorju tal-UE awtonomu u li jkun għadu kif ġie stabbilit, inkluż l-aspetti baġitarji, il-kosteffiċjenza u l-kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżuri nazzjonali fil-qasam tal-AML/CFT.

Rigward aspetti oħra li jikkonċernaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-AML/CFT:

36. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ tal-UIF u JINNOTA li l-forma tal-mekkaniżmu għandha tiddependi fuq il-funzjonijiet tiegħu u tibni fuq l-attivitajiet li bħalissa jitwettqu mill-pjattaforma tal-UIF tal-UE f'konformità mal-mandat tagħha skont l-Artikolu 51 tal-AMLD. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tipprovdi persunal permanenti u baġit għall-mekkaniżmu futur.
37. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tislet il-karatteristiċi u s-setgħat ta' tali mekkaniżmu mill-funzjonijiet ewlenin tiegħu, inkluż b'mod partikolari r-rwol ċentrali tiegħu fit-tiżi u l-iffaċilitar ta' analiżi konġunta fost l-UIF, filwaqt li jappoġġa, skont l-Artikolu 32 tal-AMLD, l-analiżi operazzjonali u strateġika tal-UIF kif ukoll l-identifikazzjoni tar-riskji u l-fenomeni rilevanti għall-UE, jipromwovi l-iskambji u t-tiżi tal-kapaċitajiet bejn l-UIF u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħra. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ ikun ibbażat fuq governanza li tinvolvi bis-siġħ lill-UIF u tirrispetta r-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-UIF fl-indipendenza u l-awtonomija operazzjonali kif ukoll is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-intelligence finanzjarja.

38. JINNOTA d-Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) li timponi projbizzjoni fuq l-attivitajiet ta' pproċessar ta' data personali tal-Europol (abbażi ta' tħassib fir-rigward ta' individwi li ma jitqisux bħala suspettati) għall-finijiet tal-amministrazzjoni teknika tal-FIU.net u JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni ser tospita temporanjament lil FIU.net. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi soluzzjoni fit-tul għall-FIU.net biex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fost il-UIF.
39. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tgħammar lill-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ bl-awtorità li jipprovdi gwida, proċeduri u jadotta formati u mudelli tekniċi vinkolanti kif meħtieġ, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-UIF Ewropej kollha.
40. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovdi kjarifika rigward dispożizzjonijiet xierqa dwar il-protezzjoni tad-data biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data fl-iskambju tad-data bejn il-UIF tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi, filwaqt li tosserva r-rakkomandazzjonijiet tal-FATF u l-prinċipji tal-Grupp Egmont.
41. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest ta' kooperazzjoni mill-qrib fi ħdan il-FATF, tenfasizza n-natura supranazzjonali tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-AML/CFT filwaqt li fl-istess ħin tirrispetta s-sħubija individwali tal-Istati Membri tal-UE u r-rwol tad-delegazzjonijiet tagħhom fil-FATF. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex twettaq il-proċess ta' valutazzjoni ta' ġuriżdizzjonijiet b'riskju għoli b'mod li jiżgura kwalità għolja, trasparenza u d-dritt li dak li jkun jinstema', filwaqt li jitqiesu l-flussi ta' ħidma tal-FATF u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-proċessi.
42. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi gwida f'waqtha, fid-dawl tal-isforzi ta' riforma li għaddejjin bħalissa fl-Istati Membri u speċjalment fir-rigward tal-applikazzjoni speċifika tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-integrazzjoni tagħhom fil-qafas tal-AML/CFT, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data fi ħdan sħubijiet pubbliċi-privati stabbiliti bejn l-entitajiet marbutin b'obbligu, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi kif ukoll l-UIF f'xi Stati Membri.
